# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikolu 264(2) tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Conseulo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**V**

**ANNA CILIA**

**Seduta ta' llum 16 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **ANNA CILIA** ta' hamsa w hamsin sena, mart Manuel, bint Giuseppe Sant u Teresa nee Falzon, imwielda l-Marsa nhar t-tnax ta' Lulju, 1946 u residenti 8, Triq l-Isqof Labini, B'Kara, detentrici ta' karta tal-identita` numru 575246M giet mressqa quddiemha akkuzata talli fis-sbatax ta' Dicembru, 1993 u l-hdax ta' Novembru, 1998 b'diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentirci tal-fond numru 8, Triq l-Isqof Labini, B'Kara, jew bhala persuna li kellha f'idejha l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkommettiet serq ta' kurrent elettriku minn arlogg

tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal mija u sebgha liri maltin u disgha centezmi ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur.

Talli fl-istess zmien ghamlet hsara voluntarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkagunat telf ta' kurrent elettriku.

Talli fl-istess zmien ghamlet hsara jew kissret xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi l-hatja thallas l-ispejjes ta’ l-esperti mahtura mill-Qorti.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali mibghut nhar t-tmintax ta' Settembru, 2001 presentat fl-atti a fol 50 tal-process verbal esibit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Rat l-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti u li l-istess Qorti kif preseduta kienet ikkonfermat l-esperti nominati fl-inkjesta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta jirrizulta li fil-hdax ta' Novembru, 1998 fit-tlieta ta' wara nofsinhar l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru jispezzjonaw l-meter tal-elettriku nstallat fil-fond numru 8, Triq l-Isqof Labini, B'Kara peress li l-konsumatrici u detentrici tal-meter, l-imputata, irrappurtat li kienet minghajr provista tal-elettriku, fejn sabu li l-meter tad-dawl kien imtaqqab.

Illi a tempo vergine tal-investigazzjoni **Anna Cilia xehdet fl-atti tal-inkjesta nhar l-hdax ta' Novembru, 1998** w kkonfermat bil-gurament taghha li hija ilha tghix fil-fond numru 8, Triq l-Isqof Labini, B'kara, minn Awissu, 1998 ma bintha z-zghira wahedha wara li sseparat minn ma zewgha. Illi hija kkonfermat bil-gurament taghha li ma kienet taf b'xejn dwar t-toqba fil-meter u li qatt ma baghbset u

lanqas gieghlet lil xi hadd jbaghbas fil-meter tad-dawl. **L-imputata kkonfermat din x-xhieda wkoll viva voce l-Qorti nhar l-hdax ta' Novembru, 2002.**

**Alfred Muscat** fil-kapacita tieghu ta' fitter mal-Korporazzjoni Enemalta flimkien ma **Peter Micallef t-tnejn kkonfermaw** li marru fuq il-post fuq rapport tal-imputata u sabu s-sigilli tac-c-comb foloz u l-meter imtaqqab fuq in-naha tax-xellug.

**Silvio Decelis** bhala ufficjal amministratur mal-Korporazzjoni Enemalta, **esibixxa record of consumption** li jinsab immarkat bhala dokument CSH 5 fl-atti **u kkonferma** li l-Korporazzjoni Enemalta sofriet danni fl-ammont ta' mija u sebgha liri u disgha centezmi u dan ghal perjodu bejn Marzu, 1993 u cioe ghal perjodu meta l-imputata kienet ghadha mar-ragel jghixu flimkien fl-istess fond.

Illi l-allegat tbaghbis jew mankanzi fl-imsemmi meter tal-ghamla Ferrante TM3 numru 660702 gew deskritti mill-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu u li principalment jikkonsistu fil-fatt li kien hemm toqba fuq il-cover tal-meter u a bazi ta' din il-mankanza harget il-presenti imputazzjoni kontra l-imputata, li f'kazijiet bhal dawn hemm

presunzjoni kontra taghha stabbiliti mill-ligi u hu l-oneru tal-imputata li ghandha tipprova l-kuntrarju.

Illi bhala fatti rizultanti ma hemmx dubbju li' l fuq imsemmija mankanza jew difett kien jesizti li bhala konsegwenza taghha l-konsum tad-dawl ma kienx qed jigi registrat regolarment u b'hekk kien hemm telf ta' dawl stmat fl-ammont ta' mija u sebgha liri maltin u disgha centezmi ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi l-imputata stqarret b'mod ripetittiv u konsistenti hafna li kemm kien ilha tokkupa dan il-fond la hi personalment u lanqas xi hadd imqabbad minnha u b'konoxxenza taghha ma kienet baghbset fil-meter. Illi jirrizulta li ispezzjoni fil-fond saret fuq domanda taghha stess ghaliex kellha problemi bl-elettriku.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda tal-imputata u tal-komportament taghha fuq il-pedana tax-xhieda u rat li ghandha mis-sewwa u hija kredibbli fic-cirkostanzi.

Il-Qorti hija moralment konvinta mill-versjoni tal-imputata u m'ghandha ebda dubbju li hija ma kellix x'taqsam mal-istat ta' kif kien

instab dan il-meter mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta nhar l-hdax ta' Novembru, 1998.

Il-Qorti b'hekk thoss li l-imputata rnexxilha tgheleb l-presunzjoni kontra taghha fuq riferita bhala r-registered consumer u ghalhekk qed taccetta dak li hija qalet.

**Illi ghalhekk minhabba dawn r-ragunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tara li l-imputazzjonijiet ma gewx sufficjentement ippruvati kontra l-imputata skond l-ligi, tiddikjara li ma ssibx lil imputata ANNA CILIA hatja tal-akkuzi kif addebitati lilha u ghalhekk tilliberha minn kull imputazzjoni u htija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**